# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-3 ta' Frar 2025**

**Talba nru. 80/2020 IS**

**PAULINE SIVE PAULA DEBONO (I.D. 676160 (M))**

***VERSUS***

**TLATA LIMITED (C 16319)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fis-6 ta' Mejju 2020 (a fol. 1 et seq), l-attriċi talbet l-ammont ta' elfejn u sittax-il Ewro (Eur 2,016.00) rappreżentanti senserija relattiva għall-bejgħ tal-proprjeta' mixtrija mis-soċjeta' konvenuta mingħand George u Jane Bonello bil-kuntratt datat 6 ta' Frar 2020 fl-atti tan-Nutar Dr. Robert Micallef, bl-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mis-6 ta' Frar 2020 u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali numru 421/2020.

Ra illi s-soċjeta' konvenuta ġiet debitament notifikata fit-28 ta' Awwissu 2020 (a fol. 6).

Ra illi s-soċjeta' konvenuta ippreżentat ir-risposta tagħha fit-3 ta' Settembru 2020 (a fol. 7 sa 28).

Ra illi għalkemm is-soċjeta' konvenuta ippreżentat biss risposta fit-3 ta' Settembru 2020, jidher illi kienet għamlet talba wkoll bħala kontro-talba.

Ra illi l-attriċi rikonvenzjonata, għal kull buon fini, ippreżentat ir-risposta tagħha fir-rigward tal-kontro-talba fit-22 ta' Settembru 2020 (a fol. 30).

Ra il-verbal tat-Tribunal diversement presjedut datat 29 ta' Settembru 2020 fejn is-soċjeta' konvenuta kienet ordnata tintavola r-risposta tagħha fuq il-formola appożita (a fol. 32).

Ra illi s-soċjeta' konvenuta ippreżentat ir-risposta tagħha fit-23 ta' Novembru 2020 (a fol. 34 sa 41).

Ra wkoll illi r-risposta hekk intavolata hija differenti mill-ewwel risposta intavolata mis-soċjeta' konvenuta.

Ra illi s-soċjeta' konvenuta ippreżentat il-kontro-talba tagħha fit-23 ta' Novembru 2020 (a fol. 41 sa 66), liema kontro-talba tidher differenti minn dik li kienet l-ewwel darba intavolata.

Ra illi l-attriċi rikonvenzjonata ippreżentat ir-risposta tagħha fir-rigward tal-kontro-talba fl-14 ta' Diċembru 2020 (a fol. 70 u 71).

Ra illi l-attriċi għalqet il-provi kollha tagħha fl-24 ta' Novembru 2022 (a fol. 161).

Ra illi s-soċjeta' konvenuta għalqet il-provi kollha tagħha fl-14 ta' Frar 2024 (a fol. 194).

Ra illi l-partijiet iddikjawar provi kollha magħluqa fl-4 ta' Novembru 2024 (a fol. 250).

Ra illi saru diversi seduti u xehdu diversi persuni.

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

F'dan il-każ, l-attriċi tallega li kellha titħallas ta' senserija filwaqt illi s-soċjeta' konvenuta qed tallega illi kellha titħallas mingħand l-attriċi ammonti ta' flejjes li pero' mhumiex dovuti direttament mill-attriċi lis-soċjeta' konvenuta.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal ser l-ewwel iqis it-talba tal-attriċi fir-rigward tas-senserija sabiex wara iqis il-kontro-talba tas-soċjeta' konvenuta.

Senserija

Il-Kodiċi Ċivili ma jipprovdix definizzjoni ċara ta´ senserija. Biss pero´, l-Onorabbli Qorti,

f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza **Legend Real Estate Limited vs Paul Pisani**[1], iddiskutiet b´mod ampju x-xogħol tas-sensar u t-tliet elementi prinċipali li jridu jikkonkorru sabiex ikun hemm senserija u illi huma *"(1) illi l-konkluzjoni tan-negozju prospettat; (2) Illi l-intromissjoni tas-sensar tkun giet rikjesta jew almenu accetata miz-zewg kontraenti; u (3) Illi l-attivita' tas-sensal tkun wasslet lill-partijiet ghal in idem placitum consensus*."

F'dan il-każ jidher ċar illi l-attriċi ipprovdit servizzi ta' senserija lill-partijiet, u ċioe' lis-soċjeta' konvenuta u lil terzi persuni hekk kif minnha indikat fl-avviż tat-talba, u dan skond l-evidenza prodotta mill-partijiet li ser tkun prodotta hawn isfel:

1. Ix-xhud, George Bonello, li kien wieħed mill-persuni li biegħ lis-soċjeta' konvenuta, xehed fil-11 ta' Ottubru 2021 illi kienet l-attriċi li kienet sabet lis-soċjeta' konvenuta (a fol. 90 u 93 u 94);

2. Ix-xhud, George Bonello, hawn fuq imsemmi, xehed ukoll fil-11 ta' Ottubru 2021 illi l-attriċi kienet preżenti meta sar il-kuntratt tal-bejgħ bejn is-soċjeta' konvenuta u huwa nnifsu flimkien ma' martu, Jane Bonello (a fol. 91).

3. Il-kopja tal-kuntratt tal-bejgħ li sar bejn is-soċjeta' konvenuta u t-terzi persuni, George u Jane Bonello, datat 6 ta' Frar 2020, li jinsab a fol. 98 sa 100 jgħid ċar u tond fi klawsola 7 illi "*Senserija tithallas lil Pauline Debono ... mill-Vendituri u ... mis-soċjeta' konvenuta* ..." (a fol. 99).

4. Paul Falzon, direttur tas-soċjeta' konvenuta, qal fl-affidavit tiegħu maħluf fid-9 ta' Jannar 2023 u ppreżentat fl-istess ġurnata li l-attriċi kienet is-sensara fuq il-kuntratt ta' bejgħ hawn fuq imsemmi (a fol. 165).

5. Fl-affidavit tagħha, Chantelle Gauci, li hija t-tifla ta' Paul Falzon, li hu d-direttur tas-soċjeta' konvenuta, maħluf minnha fil-15 ta' Frar 2023 u ppreżentat fl-14 ta' Frar 2024, qalet illi " ... *missieri iddecieda li c-cekk tas-senserija ma jghaddihx lil Pauline Debono u jerga jiehdu lura mieghu* ..." (a fol. 204).

6. Ir-rappreżentant legali tas-soċjeta' konvenuta iċċara huwa nnifsu fil-finali trattazzjoni illi l-attriċi kienet sensara fuq il-kuntratt tal-bejgħ hawn fuq imsemmi (a fol. 266).

Għaldaqstant, ma hemm ebda dubju f'moħħ it-Tribunal illi s-soċjeta' konvenuta hija obbligata li tħallas l-ammont ta' elfejn u sittax-il Ewro (Eur 2,016.00) lill-attriċi bħala

[1] Qorti Ċivili Prim´Awla, 29 t´Ottubru 2004, Ċitazzjoni Numru: 781/2001/1

senserija relattiva għall-bejgħ tal-proprjeta' mixtrija mis-soċjeta' konvenuta mingħand George u Jane Bonello bil-kuntratt datat 6 ta' Frar 2020 fl-atti tan-Nutar Dr. Robert Micallef.

Fir-rigward ta' dan l-imsemmi ħlas tas-senserija lill-attriċi, dan it-Tribunal seta' jkun konvint fuq bażi ta' probabbilita', illi s-soċjeta' konvenuta qatt ma ħallset sehemha tas-senserija lill-attriċi, anke jekk l-attriċi tat l-irċevuta tal-VAT lis-soċjeta' konvenuta (a fol. 104), u dan kif jidher mill-evidenza prodotta mill-partijiet u li hija imsemmija hawn taħt:

1. Paul Falzon, direttur tas-soċjeta' konvenuta, qal fl-affidavit tiegħu maħluf minnu fid-9 ta' Jannar 2023 u ppreżentat fl-istess ġurnata li huwa ma ħallashix tas-senserija billi kien żamm iċ-ċekk għandu (a fol. 166).

2. Paul Falzon reġa' ikkonferma li ma tax iċ-ċekk tas-senserija lill-attriċi fil-ġurnata tal-kuntratt ta' bejgħ hawn fuq imsemmi meta xehed fl-1 ta' Frar 2024 (a fol. 192).

Għal kull buon fini, dan it-Tribunal qed jiċċara illi l-kuntratt tal-bejgħ hawn fuq imsemmi juri illi George u Jane Bonello kienu ffirmaw konvenju ma' soċjeta' oħra b'dan illi pero' fl-istess kuntratt ta' bejgħ hawn fuq imsemmi sar trasferiment minn din is-soċjeta' għal fuq is-soċjeta' konvenuta. Ukoll, kif indikat iktar 'il fuq, il-kuntratt ta' bejgħ huwa ċar min kien obbligat iħallas is-senserija lill-attriċi, b'dan illi ma hemm ebda dubju f'moħħ it-Tribunal illi s-senserija kienet dovuta mis-soċjeta' konvenuta lill-attriċi.

<u>Imgħax</u>

Ġjaladarba dan it-Tribunal qed jiddeċiedi illi s-soċjeta' konvenuta hija obbligata li tħallas l-ammont ta' elfejn u sittax-il Ewro (Eur 2,016.00) rappreżentanti senserija relattiva għall-bejgħ tal-proprjeta' mixtrija mis-soċjeta' konvenuta mingħand George u Jane Bonello bil-kuntratt datat 6 ta' Frar 2020 fl-atti tan-Nutar Dr. Robert Micallef, issa it-Tribunal irid iqis l-imgħax, hekk kif mitlub mill-attriċi.

It-Tribunal eżamina l-Att Dwar l-Aġenti tal-Proprjeta' Immobbli u Tas-Sensara u Konsulenti tal-Proprjeta, Kap. 615 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn liema liġi tipprovdi illi s-servizz ta' sensara mogħtija lill-partijiet mill-attriċi għandu jitqies bħala attivita' kummerċjali. Huwa veru illi tali Att tal-Liġi wkoll jipprovdi illi jista' jkun hemm dik hekk imsejħa bażi okkażjonali iżda f'dan il-każ jidher l-attriċi kienet midħla sew tal-qasam tal-proprjeta' fejn anke xtrat binja ma' Paul Falzon, li huwa d-direttur tas-soċjeta' konvenuta. Għalhekk, id-definizzjoni ta' sensar okkażjonali kif mogħtija mil-Liġi ma tistax tapplika f'dan il-każ. Dan it-Tribunal iqis illi l-Att Dwar l-Aġenti tal-Proprjeta' Immobbli u Tas-Sensara u Konsulenti tal-Proprjeta, Kap. 615 tal-Liġijiet ta' Malta ġie revokat bl-Att Dwar l-Aġenzija Dwar is-Suq tal-Proprjeta', Kap. 644 tal-Liġijiet ta' Malta, mis-sena 2024. Pero', il-Qorti trid tapplika l-liġi li kienet *in vigore* meta l-attriċi ipprestat is-servizzi tagħha ta' sensar.

Ġjaladarba huwa deċiż illi l-attriċi pprestat is-servizzi tagħha ta' sensar fuq bażi kummerċjali, f'dan ir-rigward, it-Tribunal iqis illi l-Artikolu 1141 sub-artikolu 1 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandu japplika. B'dan illi għaldaqstant, is-soċjeta' konvenuta hi obbligata li tħallas l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-ammont ta' elfejn u sittax-il Ewro (Eur 2,016.00) mid-data tal-kuntratt ta' bejgħ hawn fuq imsemmi, u ċioe' mis-6 ta' Frar 2020, sad-data tal-ħlas effettiv. Ir-rata tal-imgħax hawnhekk imsemmija hi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%), hekk kif dedotta mill-Kodiċi Ċivili, sakemm ma tapplikax il-leġislazzjoni sussidjarja 16.06, li ma ssib ebda pplikazzjoni f'dan ir-rigward.

<u>Spejjeż</u>

L-attriċi qed titlob ukoll l-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali numru 421/2020. Fir-rigward tal-ittra uffiċjali, it-Tribunal seta' jara li l-attriċi ppreżentat kopja ta' din l-ittra li tinsab a fol. 3 u anke kopja tar-risposta tas-soċjeta' konvenuta li tinsab a fol. 4.

Ġjaladarba it-Tribunal qies illi illi s-soċjeta' konvenuta hija obbligata li tħallas l-ammont ta' elfejn u sittax-il Ewro (Eur 2,016.00) rappreżentanti senserija relattiva għall-bejgħ tal-proprjeta' mixtrija mis-soċjeta' konvenuta mingħand George u Jane Bonello bil-kuntratt datat 6 ta' Frar 2020 fl-atti tan-Nutar Dr. Robert Micallef, is-soċjeta' konvenuta hija obbligata li tħallas lill-attriċi anke l-ammont ta' dawn l-ispejjeż.

Fir-rigward tal-ispejjeż ġudizzjarju marbuta ma' din it-talba ikunu deċiżi fid-***Decide***.

<u>It-talba rikonvenzjonali</u>

Sabiex tkun tista' tqis din it-talba rikonvenzjonali, it-Tribunal żamm f'moħħu dak li l-Onorabbli Qorti ikkonkludiet fis-sentenza ***Joseph SCERRI vs Anna u Joseph konjuġi FENECH***[2] illi "*jibda biex jingħad li l-liġi trid li biex talba rikonvenzjonali tista' ssir f'kawża, din irid ikollha rabta mat-talba attriċi, jew għaliex tkun ġejja mill-istess fatt, kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur, jew għaliex l-imħarrek ikollu l-ħsieb li bil-kontro-talba tiegħu jpaċi jew iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew iżomm l-effetti tagħha.*"

F'dan il-każ, it-Tribunal seta' jara illi l-ewwel kontro-talba kienet għall-ammont ta' Eur 4,478.55 (a fol. 9) iżda din il-kontro-talba żdiedet fl-ammont meta s-soċjeta' konvenuta ppreżentat it-tieni kontro-talba kif kien ordnat minnha mit-Tribunal diversement presjedut fejn it-tieni talba kienet ta' Eur 6,449.79 (a fol. 42). Din it-talba kienet ġiet ridotta mis-soċjeta' konvenuta għal Eur 1,970.94 permezz ta' nota fil-mori tas-smiegħ tat-talba ppreżentata fil-5 ta' Marzu 2021 (a fol. 80).

---

[2] 3 ta' Lulju 2003, Prim'Awla Qorti Ċivili, Ref.: 1672/2001/1

It-Tribunal seta' jara illi l-ammont mitlub mis-soċjeta' konvenuta skond in-nota minnha ppreżentata fil-5 ta' Marzu 2021 kienet biss fir-rigward ta' "... *negozju li sar bejn il-partijiet* ..." (a fol. 80). It-Tribunal seta' wkoll jara illi s-soċjeta' konvenuta għamlet referenza għal kopja ta' *email* li tinsab a fol. 65 u li kienet preżentata mis-soċjeta' konvenuta.

It-Tribunal pero' ħares lejn l-affidavit ta' Paul Falzon, direttur tas-soċjeta' konvenuta, maħluf minnu fid-9 ta' Jannar 2023 u ppreżentat fl-istess ġurnata, illi jgħid illi " ... *hlasijiet li saru minni dirett lil diversi nies ta' xogholijiet li ghamlu fil-blokka ... jiena u Pauline Debono konna xtrajna l-art bejnietna* ..." (a fol. 168). It-Tribunal seta' jara wkoll illi l-kontijiet f'dan ir-rigward dejjem kienu bejn Paul Falzon personali u l-attriċi, Pauline Debono, u dan mill-affidavit ta' Chantelle Gauci, li hija t-tifla ta' Paul Falzon, maħluf minnha fil-15 ta' Frar 2023 u ppreżentat fl-14 ta' Frar 2024, fejn ippreżentat kopja ta' ftehim bejn Paul Falzon u Pauline Debono li tinsab a fol. 215 u fejn fil-fatt Pauline Debono kienet ħarġet iċ-ċekk f'isem Paul Falzon personali, fejn kopja taċ-ċekk tinsab a fol. 216. Ukoll, kopji taż żewġ ftehim oħra ippreżentati fl-istess ġurnata mal-istess affidavit minn Chantelle Gauci juru ċar illi kull ftehim dejjem sar bejn Paul Falzon personali u Pauline Debono (a fol. 218 u 219). It-Tribunal seta' jinnota illi hemm *invoice* dwar xogħolijiet li saru ġewwa l-blokka ta' bini li għandhom Paul Falzon u Pauline Debono flimkien (a fol. 222) li tgħajjat lis-soċjeta' konvenuta iżda mill-ftehim li jinsab a fol. 215, li jitkellem fuq l-istess blokka, huwa ċar illi Paul Falzon iħallas lis-soċjeta' konvenuta u l-attriċi, Pauline Debono, tħallas dejjem lil Paul Falzon personali (a fol. 215).

It-Tribunal hawnhekk jagħmel referenza għall-Artikolu 1196 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi definizzjoni ċara ta' tpaċija, u ċioe' ta' *set-off*, fejn dan l-artikolu jgħid illi "*Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija.*" It-Tribunal iqis ukoll illi l-Att Dwar il-Kumpaniji, Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, illi Artikolu 4 (1) jipprovdi illi kull kumpanija hija soċjeta'. L-Artikolu 4 (4) imbagħad jipprovdi illi "*soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri tagħha, u l-imsemmija personalità ġuridika tibqa' sseħħ sakemm l-isem tas-soċjetà kummerċjali ma jiġix imħassar mir-reġistru, u b'hekk is-soċjetà kummerċjali tieqaf teżisti.*" Tali punt ta' kontestazzjoni kien ukoll diskuss mill-Qorti fis-sentenza ***VASSALLO BUILDERS GROUP LIMITED ġja magħrufa bħala Vassallo Builders Limited vs John A. SAID f'ismu proprju u kif ukoll bħala uffiċjal u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Ħbieb ta' l Annimali; u b'digriet tat-3 ta' Novembru, 2000 et,***[3] fejn il-fatti kienu verament simili għall-każ in eżami. Għaldaqstant, it-Tribunal iqis li qatt ma seta' kien hemm tpaċija bejn l-attriċi u s-soċjeta' konvenuta, u s-soċjeta' konvenuta hi obbligata li tħallas is-senserija lill-attriċi għaliex it-tpaċija ma tistax isseħħ legalment.

[3] 5 ta' Ottubru 2010, Prim'Awla Qorti Ċivili, Ref.: 2092/1998/1

Ir-rappreżentant legali tas-soċjeta' konvenuta, fil-fatt, ukoll ammetta fil-finali trattazzjoni illi tpaċija ma tistax isseħħ għar-raġunijiet hawn fuq premessi, u qal illi pero' għandha tapplika r-regola tal-kompensazzjoni (a fol. 266). F'dan ir-rigward, it-Tribunal jinnota illi l-kompensazzjoni ma hix definita fil-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. It-Tribunal ħares bir-reqqa lejn is-sentenza ***Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Emidio Azzopardi personalment u bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` 'Emvic Limited'***,[4] imsemmija wkoll mir-rappreżentant legali tas-soċjeta' konvenuta fil-finali trattazzjoni (a fol. 266), fejn l-Onorabbli Qorti ikkonkludiet illi l-kompensazzjoni hija prinċipju maħluq b'mod ġudizzjarju u ukoll illi *""il-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha ipso jure ghar-rigward ta' kreditu li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra"* (Kollez. Vol. XXXVII P I p 490)." F'dan ir-rigward, Pauline Debono xehdet fid-9 ta' Mejju 2022 illi din l-*email* li tinsab a fol. 65 "*Nahseb li bghattha jien iva*" (a fol. 145) iżda wkoll xehdet fl-istess ġurnata illi " ... *ma fadalx kontijiet* ..." (a fol. 145) u reġgħet xehdet fl-istess ġurnata illi " ... *l-ispejjez imhallsin* ..." (a fol. 146). Inoltre', l-attriċi reġgħet xehdet fit-12 ta' Jannar 2023 illi ... *din ma ktibthiex jien* ... " (a fol. 178). It-Tribunal seta' wkoll jemmen iktar it-teżi tal-attriċi li ma kitbithix hi l-*email* għaliex Paul Falzon, id-direttur tas-soċjeta' konvenuta, allega fl-affidavit tiegħu maħluf minnu fid-9 ta' Jannar 2023 u ppreżentat fl-istess ġurnata, illi fit-13 ta' Frar 2020 l-attriċi bagħtitlu ittra uffiċjali għas-senserija (a fol. 166) u skond hu bagħtet din l-*email* hawnhekk imsemmija fis-26 ta' Mejju 2020 (a fol. 168) u ċioe' wara li kienet diġa' qed tkellem lis-soċjeta' konvenuta b'mezzi legali u uffiċjali. Għaldaqstant, meta t-Tribunal ħares lejn l-evidenza kollha u l-ġurisprudenza, dan it-Tribunal jiddeċiedi illi il-kompensazzjoni ma tistax isseħħ f'dan il-każ.

Biss pero', għalkemm fin-nota tal-5 ta' Marzu 2021 ippreżentata mis-soċjeta' konvenuta, hemm biss referenza għal spejjeż fir-rigward tal-blokka ta' bini li xtraw bejniethom Pauline Debono u Paul Falzon, Paul Falzon anqas biss irrefera għal din ir-raġuni għaliex ma ħallasx lil Pauline Debono, u ċioe', lill-attriċi, tas-senserija li kien sehemha skond il-kuntratt ta' bejgħ hawn fuq imsemmi.

Fil-fatt, Paul Falzon, id-direttur tas-soċjeta' konvenuta, allega fl-affidavit tiegħu maħluf minnu fid-9 ta' Jannar 2023 u ppreżentat fl-istess ġurnata illi " ... *jiena kont lest naghti c-cekk ta' €2,016.19 rapprezentanti is-senserija dovuta lil Pauline Debono dakinhar tal-kuntratt, jigifieri fis-6 ta' Frar 2020, izda dan kont lest li naghmlu jekk Pauline Debono thallasni ta' dik l-ghodda li kienet giet tiehu fl-24 ta' Jannar 2020* ..." (a fol. 166).

F'dan ir-rigward, it-Tribunal seta' jara illi sa mill-bidu nett, huwa ċar illi din l-*invoice* tappartjeni lil soċjeta' oħra (a fol. 66 u 213) u bl-ebda mod ma ssemmi lis-soċjeta' konvenuta.

[4] 7 ta' Lulju 2005, Qorti tal-Appell, Ref.: 19/1999/1

Għal darb'oħra, it-Tribunal hawnhekk jagħmel referenza għall-Artikolu 1196 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi definizzjoni ċara ta' tpaċija, u ċioe' ta' *set-off*, fejn dan l-artikolu jgħid illi "*Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija*." It-Tribunal iqis ukoll illi l-Att Dwar il-Kumpaniji, Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, illi Artikolu 4 (1) jipprovdi illi kull kumpanija hija soċjeta'. L-Artikolu 4 (4) imbagħad jipprovdi illi "*soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri tagħha, u l-imsemmija personalità ġuridika tibqa' sseħħ sakemm l-isem tas-soċjetà kummerċjali ma jiġix imħassar mir-reġistru, u b'hekk is-soċjetà kummerċjali tieqaf teżisti*." It-Tribunal jirrileva wkoll illi kull soċjeta' għandha persuna ġuridika fiha nnifisha u distinta minn soċjetajiet oħra. Tali punt ta' kontestazzjoni kien ukoll diskuss mill-Qorti fis-sentenza ***VASSALLO BUILDERS GROUP LIMITED ġja magħrufa bħala Vassallo Builders Limited vs John A. SAID f'ismu proprju u kif ukoll bħala uffiċjal u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Ħbieb ta' l Annimali; u b'digriet tat-3 ta' Novembru, 2000 et*,**[5] fejn il-fatti kienu verament simili għall-każ in eżami. Għaldaqstant, it-Tribunal iqis li qatt ma seta' kien hemm tpaċija bejn l-attriċi u s-soċjeta' konvenuta, u s-soċjeta' konvenuta hi obbligata li tħallas is-senserija lill-attriċi għaliex it-tpaċija ma tistax isseħħ legalment.

Għal darb'oħra, ir-rappreżentant legali tas-soċjeta' konvenuta, fil-fatt, ukoll ammetta fil-finali trattazzjoni illi tpaċija ma tistax isseħħ għar-raġunijiet hawn fuq premessi, u qal illi pero' għandha tapplika r-regola tal-kompensazzjoni (a fol. 266). F'dan ir-rigward, it-Tribunal jinnota illi l-kompensazzjoni ma hix definita fil-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. It-Tribunal ħares bir-reqqa lejn is-sentenza ***Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Emidio Azzopardi personalment u bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` 'Emvic Limited'***,[6] imsemmija wkoll mir-rappreżentant legali tas-soċjeta' konvenuta fil-finali trattazzjoni (a fol. 266) ,fejn l-Onorabbli Qorti ikkonkludiet illi l-kompensazzjoni hija prinċipju maħluq b'mod ġudizzjarju u ukoll illi ""*"il-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha ipso jure ghar-rigward ta' kreditu li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra*" (Kollez. Vol. XXXVII P I p 490)." F'dan ir-rigward, Pauline Debono xehdet fit-12 ta' Jannar 2023 illi " ... *Jien mort ihallas lil Pawlu* ..." (a fol. 179) u li " ... *hallastu jiena three thsoaudn eight hundred (3800)* ..." (a fol. 179).

Inoltre', it-Tribunal ħares lejn l-istess sentenza ***Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Emidio Azzopardi personalment u bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` 'Emvic Limited'***,[7] fejn l-Onorabbli Qorti wkoll ikkonkludiet illi "*Similment pero`, bhat-tpacija legali, il kompensazzjoni gudizzjali hi eskluza jekk jinstab li l-likwidazzjoni ma tistax issir malajr jew fejn il-kreditu jkun ghad irid jigi determinat f' gudizzju separat. Ara Kollez. Vol. XXXIX P I p 54; Vol. XLVIII P II p 764*." Chantelle Gauci, li hija t-tifla ta' Paul Falzon, li hu d-direttur tas-

---

[5] 5 ta' Ottubru 2010, Prim'Awla Qorti Ċivili, Ref.: 2092/1998/1

[6] 7 ta' Lulju 2005, Qorti tal-Appell, Ref.: 19/1999/1

[7] 7 ta' Lulju 2005, Qorti tal-Appell, Ref.: 19/1999/1

soċjeta' konvenuta, fl-affidavit tagħha maħluf minnha fil-15 ta' Frar 2023 u ppreżentat fl-14 ta' Frar 2024, qalet illi "*Billi Pauline Debono baqghet tirrifjuta li thallas din l-invoice, illum hemm kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati Civili ta' Malta bin-numru ta' referenza 115/2021 MF. Din il-kawza infethet fit-3 ta' Mejju 2021*" (a fol. 204) fejn jidher illi din il-kawża għadha ma ġietx konkluża għaliex is-soċjeta' konvenuta qatt ma infurmat lit-Tribunal qabel id-data tal-lum illi din l-imsemmija kawża ġiet hekk deċiża. Għaldaqstant, meta t-Tribunal ħares lejn l-evidenza kollha u l-ġurisprudenza, dan it-Tribunal jiddeċiedi illi il-kompensazzjoni ma tistax isseħħ f'dan il-każ.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tal-attriċi fl-ammont ta' elfejn u sittax-il Ewro (Eur 2,016.00) rappreżentanti senserija relattiva għall-bejgħ tal-proprjeta' mixtrija mis-soċjeta' konvenuta mingħand George u Jane Bonello bil-kuntratt datat 6 ta' Frar 2020 fl-atti tan-Nutar Dr. Robert Micallef, bl-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekorribbli mis-6 ta' Frar 2020 sad-data tal-ħlas effettiv fuq l-imsemmi ammont kif ukoll l-ispejjeż in konnessjoni tal-ittra uffiċjali numru 421/2020 u jikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas dan l-imsemmi ammont lill-attriċi.

Jiċħad it-talba rikonvenzjonali tas-soċjeta' konvenuta u jillibera lill-attriċi mill-osservanza tal-ġudizzju f'dan ir-rigward.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tas-soċjeta' konvenuta.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur